Fl-okkażjoni tal-festi kbar li qed niċċelebraw fil-lokalita' tagħna din is-sena, jigifieri

**t-325 anniversarju mit-twaqqif tal-Parroċċa,**

**l-150 sena mill-miġja tal-istatwa titulari**

**u l- 50 sena mit-titlu ta' Arċipretura,**

l-Kunsill Lokali ż-Żebbuġ qed jippreżenta programm speċjali ta' attivitajiet li se jkunu intenzjonati biex iħallu marka storika f'dan iż-żmien ta' ċelebrazzjonijiet. Kulħadd mistieden jattendi għal dan il-programm speċjali:

***Is-Sibt 17 t'Awissu 2013:***
Ftuħ tal-Wirja: Iż-Żebbuġ fl-Għaqdiet Tiegħu u Preżentazzjoni tal-Ktieb "L-Oniċe taż-Żebbuġ" ta' Dun Ġużepp Vella

***Post:*** Il-Berġa, Pjazza l-Assunta

***Ħin:*** 7.45 p.m.

Wara Party @ D SQUARE - Party mill-aqwa bil-parteċipazzjoni ta' DJ Chippy. Serata ta' mużika u ikel.

***Post:*** Pjazza l-Assunta

***Ħin:*** 8.00 p.m. 'l quddiem

***Il-Hadd 18 t'Awissu:***
Bil-Kollaborazzjoni tas-Soċjetà Filarmonika Banda Santa Marija: Kunċert Bandistiku taħt il-patroċinju tat-Tenur Joseph Calleja, Ambaxxatur tal-Kultura għal Malta.

***Post:*** Triq Ġoma

***Ħin:*** 6.00p.m.

***It-Tnejn 19 t'Awissu:***
7.00p.m. Bil-Kollaborazzjoni tal-Parroċċa ta' Santa Marija: Quddiesa tal-Kwindiċina ddedikata għall-Kunsill Lokali. Wara għoti ta' tifkiriet speċjali mis-Sindku, Viċi Sindku u kunsilliera lill-għaqdiet tar-raħal flimkien ma' grupp ta' persuni miż-Żebbuġ li jew iddistingwew ruħhom fil-qasam tagħhom jew ikkontribwew bil-qawwi għall-progress tar-raħal tagħna. Wara tħabbir tar-rebbieħa ta' l-aqwa komponimenti dwar iż-Żebbuġ.
Wara eżekuzzjoni ta' l-ispettaklu "L-Għanja tal-Parroċċa", produzzjoni teatrali li tittratta dwar l-istorja tar-raħal tagħna. Kitba: Fr. Geoffrey George Attard.

***Post:*** Pjazza l-Assunta

***Ħin:*** 7.00 p.m.

***Il-Ħamis 22 t'Awwissu:***
Bil-kollaborazzjoni tal-Kumitat taż-Żebbuġ Rovers FC: Attivita' soċjali bis-sehem ta' diversi kantanti.

***Post:*** Pjazza l-Assunta

***Ħin:*** 8.00p.m.

***Is-Sibt 24 t'Awwissu:***
Bil-kollaborazzjoni ta' l-Għaqda tan-Nar, Żebbuġ Għawdex: SKYCONCERT – Wirja Piroteknika mill-aqwa sinkronizżata ma' mużika immortali. Logħob tan-nar tal-art: Sorpriża Speċjali. Spettaklu li mhux ta' min jitilfu!

***Post:*** Diversi nħawi taż-Żebbuġ, inkluż Pjazza l-Assunta, Triq il-Knisja, Triq iż-Żebbuġ u l-Promenade ta' ħdejn l-Iskola Primarja

***Ħin:*** 9.45 p.m.

***Is-Sibt 24 t'Awissu:***
B'kollaborazzjoni mal-Kumitat tat-Tiġrija taż-Żwiemel: Tiġrijiet Tradizzjonali taż-Żwiemel

***Post:*** Triq iż-Żebbuġ

***Ħin:*** 2.00 p.m.

***Il-Ħadd 25 t'Awissu:***
Wara l-pontifikal immexxi minn Mons. Isqof Mario Grech ser isir kxif ta' lapida kommemorattiva mis-Sindku u tberik mill-W.R. Arċipriet taż-Żebbuġ.
Post Pjazza l-Assunta.
B'kollaborazzjoni mal-Moviment Edukazzjoni, Kultura, Xogħol: Tfigħ ta' Sunett Storiku minn fuq il-faċċata tal-knisja waqt il-ħruġ tal-istatwa ta' Santa Marija b' sunett tal-1946 flimkien ma' sunett miktub minn Mario Cassar, Natalino Camilleri, Marie Louise Zahra, Redentine Cini, Natalie Cini u Toni Vella fl-okkażjoni tal-Festi speċjali ta' din is-sena. Tajjeb li kulħadd jiġbor kopja.

---

**Għal aktar informazzjoni dwar l-attivitajiet int mitlub/a ċċempel l-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ fuq 21563056.**

**Maħruġ mid-Dekasteru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ, Sport u Promozzjoni tat-Turiżmu fi ħdan Il-Kunsill Lokali Iż-Zebbug, Għawdex.**